VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,277, 9 ta' Lulju, 2014

Taqsima B

A.L. 240 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2014 biex jemendaw ir-Regolamenti għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tal-2014 biex jemendaw ir-Regolamenti għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D., ippubblikati bħala Avviż Legali 293 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2014 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

" 9. L-applikanti li jkunu aċċettati għandhom l-ewwel jirreġistraw għall-Grad ta' M.Phil. Is-Senat jista' jħalli t-trasferiment tar-reġistrazzjoni mill-Grad ta' M.Phil. għall-Grad ta' Ph.D. jekk il-kondizzjonijiet imniżżla fir-regolament 37 ikunu sodisfatti."

In-Numerazzjoni mill-ġdid tar-regolamenti 18 u 19 tar-regolamenti prinċipali

4. Ir-regolament 18 tar-regolament prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala r-regolament 19.

5. Ir-regolament 19 tar-regolament prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala r-regolament 18.

L-Emenda għar-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali

6. Minflok ir-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"19. L-applikanti jistgħu jkunu aċċettati biex jirreġistraw għall-Grad ta' Ph.D. u jaħdmu l-aktar 'il bogħod mill-Università, sakemm li:

(a) huma jaħdmu f'qasam li għandu rilevanza maġġuri għad-dipartiment ta' l-Università li fih qed jagħmlu r-riċerka tagħhom;

(b) il-faċilitajiet tal-post fejn huma jkunu se jagħmlu rriċerka tagħhom ikunu ekwivalenti jew aħjar minn dawk tad-dipartiment jew jikkomplementaw dawk tad-dipartiment u huma essenzjali għax-xogħol; id-dipartiment ikkonċernat għandu jipprovdi evidenza ta' dan bil-miktub lill-Bord;

(ċ) huma għandhom normalment jgħaddu total ta' mill-anqas tliet ġimgħat kull semestru fil-kampus ta' Malta matul liema perijodu huma għandhom ikollhom laqgħat mas-Superviżur Prinċipali; u

(d) konsulent ikun maħtur biex isegwi lill-istudent regolarment fil-post tal-istudju/ir-riċerka 'l bogħod mill-kampus."

L-Emenda għar-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali

7. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"20. (1) L-istudji għall-Grad ta' Ph.D. għandhom jinfirxu fuq tliet snin ta' studju fuq bażi *full-time* jew sitt snin ta' studju fuq bażi *part-time*. Jekk in-natura tax-xogħol jew tar-riċerka hekk titlob, is-SottoKumitat jista' jirrakkomanda lis-Senat perijodu itwal."

8. Il-paragrafu (2) li ġej għandu jiżdied wara l-paragrafu (1) tar-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali:

"(2) Fil-każ ta' studenti aċċettati skont il-paragrafu (2) tar-regolament 6, il-perijodu ta' studju fuq bażi *full-time* għandu normalment jinfirex fuq mhux anqas minn erba' snin."

9. Il-paragrafi (2) u (3) tar-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (3) u (4).

L-Emenda għar-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali

10. Minflok ir-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**It-Tibdil tal-Mod ta' Studju**

25. Is-Senat jista' jħalli lill-istudenti jibdlu l-mod ta' studju tagħhom minn *full-time* għal *part-time* jew minn *part-time* għal *full-time*, kull meta jkun possibli. Il-perijodu ta' reġistrazzjoni għandu jkun ikkalkulat mill-ġdid fuq il-bażi tal-proporzjon taż-żmien li matulu l-istudenti kienu qed jistudjaw f'kull mod."

Iż-Żieda tar-regolamenti 27 u 28 mar-regolamenti prinċipali

11. Ir-regolamenti 27 u 28 li ġejjin għandhom jidħlu wara r-regolament 26 tar-regolamenti prinċipali.

"Il-Programm ta' Studju

27. (1) L-ordinamenti jistgħu jispeċifikaw li l-Grad tal-Ph.D. għandu jinkludi taqsimiet studju maħsuba biex jiżviluppaw il-ħiliet u l-kompetenzi kif meħtieġ biex ir-riċerka timxi fuq binarju tajjeb jew biex jintroduċu lill-istudenti għall-oqsma speċjalizzati relatati mar-riċerka tagħhom tad-dottorat jew biex jipprovdu preparazzjoni għall-karrieri futuri. Il-Bord għandu jissottometti l-programm ta' studju għall-approvazzjoni tas-Senat.

(2) L-istudenti għandhom itemmu l-programm ta' studju b'suċċess matul l-ewwel parti tal-istudji tagħhom.

Il-Valutazzjoni u l-Valutazzjoni mill-Ġdid tat-Taqsimiet Studju

28. (1) L-eżaminaturi għandhom ikunu rregolati mir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008.

(2) Biex ikomplu jkunu rreġistrati għall-grad tal-M.Phil, l-istudenti għandhom iżommu marka medja ta' 60% fit-taqsimiet studju, li għandha tiġi kkalkulata fl-aħħar tas-semestru jew fl-aħħar tas-sena, kif applikabbli."

In-Numerazzjoni mill-ġdid tar-regolamenti 27 sa 38 tar-regolamenti prinċipali

12. Ir-regolamenti 27 sa 38 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala r-regolamenti 29 sa 40.

L-Emenda għar-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali

13. Minflok ir-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**It-Trasferiment tar-Reġistrazzjoni mill-Grad ta' M.Phil. għall-Grad ta' Ph.D.**

35. (1) Is-Senat jista' jħalli t-trasferiment tar-reġistrazzjoni mill-Grad ta' M.Phil. għall-Grad ta' Ph.D. bl-istess proposta ta' riċerka jekk kienu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) wasal rapport ta' progress sodisfaċenti mill-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat tal-istudent; u

(b) wara li jgħaddu tnax-il xahar u mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin xahar ta' studju fuq bażi *full-time* (jew l-ekwivalenti ta' studju fuq bażi *part-time)*, u wara li jkun ġie mitmum b'suċċess il-programm ta' studju jekk applikabbli, bord *ad hoc* maħtur mill-Bord għal dan il-għan, magħmul minn *chairman*, is-Superviżur Prinċipali u membru ieħor, għandu jiżgura li:

(i) l-istudent temm b'suċċess il-programm ta' studju, jekk applikabbli; u (ii) l-kwalità tax-xogħol tar-riċerka ppreżentat mill-istudent għandu l-potenzjal li jilħaq il-livell meħtieġ għall-grad ta' dottorat u jirrakkomanda t-trasferiment.

(2) Il-bord *ad hoc* jista':

(i) jistabbilixxi li l-istudent ma temmx b'suċċess il-programm ta' studju, fejn dan il-programm huwa komponent tal-grad għall-M.Phil.; jew

(ii) jiddetermina li x-xogħol tar-riċerka tal-istudent ma laħaqx livell suffiċjenti biex ikun ħaqqu rakkomandazzjoni għat-trasferiment u jagħti parir għal sottomissjoni mill-ġdid f'perijodu speċifikat; jew

(iii) jagħti parir li l-istudent jingħata sa tnax-il xahar biex jikkompleta x-xogħol għall-għoti tal-Grad ta' M.Phil.

(3) Il-bord *ad hoc* għandu jinforma lis-Sotto-Kumitat permezz tal-Bord bir-riżultati tad-deliberazzjonijiet tiegħu.

(4) Jekk it-trasferiment ikun approvat mis-Senat, ix-xogħol diġà magħmul għall-Grad ta' M.Phil. għandu jgħodd biex jissodisfa r-rekwiżiti għall-Grad ta' Ph.D.

(5) Jekk student jonqos milli jippreżenta talba għat-trasferiment tal-istudji tiegħu għall-grad tal-Ph.D. fiż-żmien stipulat fis-sottoparagrafu (b) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, l-istudent ikun meħtieġ jissottometti raġuni ġustifikata, li s-Senat għandu jikkunsidra wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat, tal-Bord u tas-Sotto-Kumitat."

Iż-Żieda tar-regolament 41 mar-regolamenti prinċipali

14. Ir-regolament 41 li ġej għandu jidħol wara r-regolament 40 tar-regolamenti prinċipali.

"**Il-Bord tal-Eżaminaturi tat-Taqsimiet Studju**

41. Il-Bordijiet tal-Eżaminaturi għandhom ikunu rregolati mir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008."

In-Numerazzjoni mill-ġdid tar-regolamenti 39 sa 53 tar-regolamenti prinċipali

15. Ir-regolamenti 39 sa 53 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala r-regolamenti 42 sa 56.

L-Emenda għat-titlu tar-regolament 42 tar-regolamenti prinċipali

16. Minflok it-titlu tar-regolament 42 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Il-Bord tal-Eżaminaturi tat-Teżijiet**"

L-Emenda għar-regolament 43 tar-regolamenti prinċipali

17. Minflok ir-regolament 43 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Eżami tat-Teżijiet tal-Ph.D.

43. Jekk tkun saret dikjarazzjoni skont il-paragrafu (1)(b) tar-regolament 39, il-Bord tal-Eżaminaturi mwaqqaf skont il-paragrafu (1) tar-regolament 42 għandu jirrakkomanda lis-Senat jekk it-teżi għandhiex tkun aċċettata għall-eżami jew le."

L-Emenda għar-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali

18. Minflok is-sottoparagrafu (d) tal-paragrafu (5) tar-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(d) ma jagħtix permess biex jerġa' jissottomettiha u jiddikjara li ma jingħata l-ebda grad,

sakemm li permess skont is-sottoparagrafi (a) jew (ċ) jingħata darba biss."